



# Bandisti tal-Beland ...

## L-Aħwa Seychell - Mario u Silvio

Il-Banda Beland tħaddan fiha bandisti mill-istess familji. Hekk per eżempju nsibu bandisti mill-istess familja li huma aħwa, tewmin kif ukoll kuġini. Fis-sensiela ta' tagħrif dwar il-bandisti tal-banda tagħna se nagħtu tagħrif dwar żewġ aħwa tewmin, Mario u Silvio Seychell li din is-sena għalqu 31 sena fil-banda.



*Barra mill-attivta' tiegħu bħala bandist, Mario ilu żmien sewwa bħala membru fil-Kummissjoni Banda.*

Mario u Silvio bdew it-tagħlim mużikali tagħhom mal-Banda Beland fis-sena 1983 mas-surmast tal-allievi Paul Buttigieg u fis-snin ta' wara mas-Surmast Ugo Buhagiar. It-tnejn ħarġu jdoqqu fil-banda bil-kurunetta fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-1985 meta l-banda kienet taħt is-Surmast Orazio Cachia.

Il-ħajra tagħhom għall-banda bdiet meta kienu jkunu l-knisja jgħinu lil zijuhom, il-mibki sagristan Ganni Abela u mingħajr ma riedu nġibdu lejn il-festa u konsewentement lejn il-banda. Dak iż-żmien il-kuġin tagħhom Silvio kien diga' bandist. L-interess fil-banda kiber fihom u fi ftit żmien insibuhom idoqqu ma' diversi baned Maltin fosthom La Valette u l-baned ta' Ħaż-Żabbar. Mal-Banda Beland tħarrġu wkoll ma' żewġ Surmastrijiet oħra; Mro. Frank Mercieca u dak attwali Mro. Ray Sciberras. Ma' dawn is-Surmastrijiet daqqew mużika klassika tal-ogħla livell f'diversi programmi li esegwiet il-banda kemm fil-festi kif ukoll f'diversi programmi speċjali. Jiftakru f'siltiet bħal Rienzi, New World, Argenta, l-Oratorio 'Dawl fuq is-Sinaj' kif ukoll is-Song Cycle tal-2011. Ma' dawn jinkludu wkoll il-programmi l-kbar tal-banda li jinżammu f'Novembru. Huma jħossuhom kburin li ċċelebraw żewġ anniversarji kbar tal-banda, dawk tal-125 sena u tal-150 sena, bħala bandisti.

Dawn huma l-attivitajiet komuni tal-aħwa Seychell bħala bandisti. Minn hawn il-ħidma tagħhom fis-Soċjeta' Beland tieħu xejriet differenti.

Barra mill-attivta' tiegħu bħala bandist, Mario ilu żmien sewwa bħala membru fil-Kummissjoni Banda. Għal dawn l-aħħar sentejn

hu wkoll membru tal-Kumitat Direttiv bil-kariga ta' deputat tal-istrumenti. Hu rnexxielu jiġbor il-lista tal-istrumenti u wkoll jieħu ħsieb il-kollezzjoni kbira ta' strumenti antiki u storiċi li jagħmlu parti mill-patrimonju tas-soċjeta', bil-ħsieb li jasal il-mument li dawn ikunu esebiti kif jixraq ġewwa l-każin. Huwa wkoll assistent arkivista u jgħin fil-pubblikazzjonijiet li jsiru fis-soċjeta' tagħna. Barra minhekk hu wkoll assistent deputat tal-banda. Bejn Settembru tal-1991 u l-1996 kien wieħed mill-membri ewlenin fil-Kummissjoni Partitrarji Belandisti, fejn serva wkoll għal żmien qasir bħala segretarju.

Mal-ħatra tas-Surmast preżenti Ray Sciberras, Silvio beda l-istudju tiegħu fit-teorija u l-kuntrapunt. Wara li ġab il-Grade 8 fit-teorija kompla l-istudju tiegħu u f' Ġunju tal-2011 ġab l-ewwel diploma tiegħu tal-London College of Music, Dip.(Mus) LCM. Kompla bl-istudju tiegħu fl-istorja tal-mużika u l-kompożizzjoni u f'Ġunju 2012 ġab l- A.Mus.LCM. Wara li studja l-orkestrazzjoni, dejjem taħt Mro. Sciberras, fl-2013, hu ġab l- L.Mus.LCM. F'dan iż-żmien kollu Silvio baqa' jdoqq fil-banda waqt li kkompona marċi kemm brijjużi kif ukoll funebri. Ta' min jgħid li hu kien kiteb l-ewwel marċi tiegħu fl-1990. Fl-okkażjoni tal-programm tar-Randan tal-2013, Silvio kkompona silta muzikali 'Adagio' bl-isem 'Fdejtna' fuq versi ta' ħuh Mario u li ġiet kantata mis-Sopran Rosabelle Bianchi. Trumpet Moods hija silta mużikali oħra li kkompona Silvio u ndaqqet mill-Banda Beland fil-festa tal-Kappella li għaddiet.

*Mal-ħatra tas-Surmast preżenti Ray Sciberras, Silvio beda l-istudju tiegħu fit-teorija u l-kuntrapunt.*

Silvio kien ukoll membru fil-Kumitat Direttiv fl-1994. Hu ilu snin twal membru fil-Kummissjoni Banda. Fis-Soċjeta' Mużikali Beland, Silvio, barra li hu bandist hu wkoll Arraġatur Mużikali, għalhekk ħafna drabi jiġi nkarigat mill-Arkivista sabiex jagħmel arranġamenti mużikali kif ukoll jikkopja mill-ġdid partijiet mużikali.

Nawguraw lil Mario u lil Silvio aktar ħidma għall-ġid tal-Banda u s-Soċjeta' Beland. ■

